MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 61/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vince Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vince Galea talli “fil-5 ta’ Settembru 2008 bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek geghelt b’awtorita` tieghek innifsek ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew kontra l-ligi ndhalt fi hwejjeg haddiehor”;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Vince Galea hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu

85 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu multa ta’ mitt euro (€100);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Vince Galea pprezentat fit-28 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) fic-citazzjoni kif miktuba la kien hemm indikazzjoni ta’ post u lanqas ta’ hin, u kif inhi miktuba ma taghmilx sens. Din is-sottomissjoni saret, il-*parte civile* qalet illi mhix necessarja, u ma saret l-ebda korrezzjoni. L-ewwel Qorti sabet il-htija ta’ fatt illi mhux indikat preciz fit-terminologija tal-ligi u hadd ma jista’ jigi akkuzat b’reat li ma ssibux fil-Kodici; (2) il-persuna li jinghad li tfixklet fil-pussess ta’ hwejjigha ma ddeponietx. Skond Julie Debono dik kienet imsiefra u tghix barra minn Malta; (3) ghalkemm dan huwa reat ta’ ordni pubbliku, necessarjament jimplika li kien hemm azzjoni kontra l-volonta` ta’ min kellu l-pussess tal-haga, u f’dan il-kaz kienet persuna li ma gietx prodotta bhalma lanqas ma giet prodotta xi kwerela jew xi rapport li ghamlet hi stess; ghalhekk l-azzjoni kif inhi ma kellha tissussisti qatt; (4) dwar il-fatti, ma giex ippruvat li kien l-appellant li ghamel il-fatt. Julie Debono qalet li kienet Ghawdex u semghet minghand haddiehor u li semghet lill-appellant jghid “Dik ghad naqlaghha!” Dan ma jfissirx li f’dik l-okkazjoni li tissemma kien hu li qalaghha fizikament; (5) aspett iehor ta’ dan il-kaz hu li l-appellant kien talab lill-Magistrat li sema’ dan il-kaz biex jastjeni ruhu mill-kawza peress illi f’kaz iehor quddiem l-istess Magistrat u ghalkemm ma tnizzilx fis-sentenza precedenti, il-Magistrat kien qal lil omm it-tarbija fil-Qorti “bl-awtorita` tieghi qed nghidlek erga’ wahhal u aghmel kollox kif jidhirlek int.” Dan kien minkejja korrispondenza li ghaddiet bejn l-

avukati fuq din il-kwistjoni, il-familja baqghet tinsisti li la qal hekk il-Magistrat fil-Qorti, il-Magistrat kellu awtorita` li jaghmel dan. F'sitwazzjoni bhal din dak il-Magistrat ma kienx qieghed jiddeciedi biss fuq il-fatti li kellu quddiemu u jaghti ordnijiet skond il-ligi, imma kien qieghed imur oltre u jiddeciedi anke kwistjonijiet ta' natura civili; (6) tenut kont li din il-kawza hija b'xi mod straxxiku ta' ohra precedenti, ma taghmilx sens li l-istess gudikant meta gie kkontestat fuq dan il-fatt jippersisti li kellu jaghmel il-kawza huwa stess.

2. Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti taghmel referenza ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi: **"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."** M'hemm l-ebda dubju li l-imputazzjoni kif formulata hi mankanti peress illi ma ssemmiex il-lok fejn sehh l-allegat reat u l-anqas ma jirrizulta x'kien il-fatt addebitat lill-appellant li suppost jikkostitwixxi l-allegat reat. Barra minn hekk anke kif giet formulata l-imputazzjoni ma taghmel l-ebda sens grammatikali. Li hija referenza ghar-reat ta' *ragion fattasi* m'hemm ebda dubju, izda dan mhux il-mod kif ghandhom jigu formulati imputazzjonijiet (kif riprodott fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza) u din il-Qorti sejra tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-attenzjoni tieghu sabiex jassigura li din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn fil-futur tibqa' taghmel osservazzjonijiet bhal dawn.

3. Fl-istess hin l-appellant mhuwiex jikkontesta li l-fatt li qed jigi allegat li huwa ghamel hu li qala' isem ta' tarbija mejta minn fuq il-qabar tal-familja. Li qieghed jikkontesta hu li ngabu provi li juru li kien hu li qala' dak l-isem. L-unika xhud fil-fatt kienet Julia Muscat, neputija tieghu, li xehdet li kienet Ghawdex u cemplitilha oht l-appellant li qaltilha li huha rega' mar u qalaghlhom kunjom it-tarbija. Din il-persuna ma gietx prodotta bhala xhud u ghalhekk dak li setghet qalet kien biss *hearsay*. Ix-xhud Julia Muscat tghid ukoll li l-appellant ammetta maghha li kien hu li qala' l-isem. Izda meta mistoqsija biex tispecifika x'qalilha ezattament, ix-xhud qalet li l-appellant qallha:

“Nerga’ naqlaghhomkom dawk.” Naturalment il-fatt li qal li jerga’ jaqla’ jfisser li kien diga` qala’. Izda jirrizulta li l-appellant kien instab hati diga` fuq fatt simili. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tassumi illi huwa kien qieghed jammetti ghall-fatt addebitat lilu bic-citazzjoni odjerna.

4. Ghalhekk f’kull kaz ir-reat ta’ *ragion fattasi* li allegatament wettaq l-appellant fil-5 ta’ Settembru 2008 ma giex ippruvat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah. Tordna notifika ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu konjizzjoni ta’ l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fil-paragrafu numru tnejn (2) ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------